**364. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi huwa maħsub fl-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art (kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjetà tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (ukoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) tal-imsemmi subartikolu li trasferiment kif imsemmi qabel jista' jsir skont policy applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi b'riżoluzzjoni tal-4 ta' Awwissu 1976, il-Kamra tad-Deputati approvat il-policy miġbura f'dokument anness mal-istess riżoluzzjoni għall-finijiet tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu;

U billi b'diversi riżoluzzjonijiet tal-Kamra tad-Deputati ġedded ir-riżoluzzjoni tal-4 ta' Awwissu, 1976 kif emendata sal-31 ta' Mejju, 1987;

U billi skont il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-istess artikolu 3 tal-imsemmi Att, riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (b) fuq imsemmi,tibqa' sseħħ għal żmien sena mid-data li tgħaddi iżda skont is-subartikolu (2) tal-istess artikolu 3 tista' tiġġedded b'riżoluzzjonijiet jew b'riżoluzzjonijiet oħra li jsiru wara għall-perjodu ieħor jew għal perjodi oħra ta' sena jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat fir-riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tal-4 ta' Awwissu, 1976, kif emendata sal-lum (jiġifieri bl-emendi tat-2 ta' Ġunju, 1981, tal-24 ta' Marzu,1983, u tat-2 ta' April, 1984) terġa' tiġġedded sal-31 ta' Mejju, 1989.

03.02.1987